MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 30/2008/1

**Gloria Pont u b'digriet tat-30 ta' Mejju, 2008**
**Gina Lenferna De La Notte assumiet l-atti tal-kawza**
**minflok l-assenti ommha Gloria Pont**

**v.**

**J.L.J. Construction Company Limited**

**Il-Qorti:**

Regghet rat ir-rikors tal-11 ta' Frar 2008 li permezz tieghu is-socjeta` J.L.J. Construction Company Limited talbet is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza tal-1 ta' Frar

2008 fl-ismijiet premessi pendenti l-ezitu ta’ rikors ghar-ritrattazzjoni ta’ dik il-kawza;

Rat ir-risposta tal-kontroparti; rat l-atti kollha relevanti, inkluzi d-depoziti ta’ €9615.65 u €400.66 ghall-finijiet tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 823 tal-Kap. 12;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi;

Peress li hi sodisfatta li jikkonkorru r-rekwiziti tal-paragrafi (a) u (b) tal-imsemmi subartikolu (2) tal-Artikolu 823;

Tilqa’ t-talba u tordna t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza ghall-finijiet u effetti tal-Artikolu 823(2) tal-Kap. 12.

Spejjez, jekk hemm, ghar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------